

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 16.7.2009
COM(2009) 363 finali

2009/ 0108 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar miżuri li jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass
u li jħassar id-Direttiva 2004/67/KE**

{SEC(2009) 977}

{SEC(2009) 978}

{SEC(2009) 979}

{SEC(2009) 980}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-Kummissjoni tippromovi Regolament li ser iħassar id-Direttiva 2004/67/KE li għandha x'taqsam mal-miżuri biex tissalvagwardja s-sigurtà tal-provvista ta' gass naturali¹. Din id-Direttiva ma għadhiex suffiċjenti fil-kuntest tad-dipendenza dejjem tikber fuq l-importazzjoni u r-riskji li żdiedu għall-provvista u t-tranżitu f'pajjiżi terzi kif ukoll flussi ta' gass dejjem jiżdiedu u l-iżvilupp tas-suq intern tal-gass fil-Komunità.

B'reazzjoni għall-kriżi tal-gass bejn ir-Russja u l-Ukraina ta' Jannar 2009 li kkaġunat xkiel li qatt ma kien hemm b'halu fil-provvisti tal-gass lill-Komunità li jgħaddi mill-Ukraina, il-Kunsill Ewropew u l-Parlament Ewropew talbu reviżjoni aċċellerata tad-Direttiva eżistenti. Ma jistax jiġi eskluż li jseħħ xkiel maġġuri ieħor fil-provvista tal-gass u dan jista' anki jseħħ fil-ġejjieni qrib. Il-Komunità għalhekk għandha tħejji għal meta jseħħ xkiel fil-provvista tal-gass fil-ġejjieni.

Il-kriżi ta' Jannar uriet il-ħtieġa li jiġu ddefiniti aħjar ir-rwoli tal-industrija tal-gass, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Komunitarji biex jindirizzaw xkiel fil-provvista fil-medda qasira taż-żmien u biex jipprovdu l-infrastruttura neċessarja fil-medda twila taż-żmien. Tagħlima li toħroġ mill-kriżi hija li biex il-miżuri jkunu konsistenti u effikaċi, għandhom jitħejjew minn kmieni sew u jkunu kkoordinati fil-livell Komunitarju.

Din il-proposta għal Regolament hija konsistenti mal-għanijiet tal-Unjoni, speċjalment dawk dwar il-ħolqien ta' suq intern, li jiffunzjona, għall-gass u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija.

2. KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Konsultazzjonijiet pubbliċi

Fit-13 ta' Novembru 2008, il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva eżistenti COM(2008) 769. Il-pubblikazzjoni kienet segwita b'konsultazzjoni pubblika mal-partijiet interessati (l-Istati Membri, l-industrija, ir-regolaturi u ċ-ċittadini) li sehhiet bejn Novembru 2008 u Marzu 2009. Saru wkoll konsultazzjonijiet dettaljati dwar leġiżlazzjoni riveduta għas-sigurtà tal-provvista tal-gass matul il-laqgħat tat-23 ta' Frar, it-2 April u t-13 ta' Mejju tal-Grupp tal-Koordinazzjoni tal-Gass, li jikkonsisti mir-rappreżentanti tal-Istati Membri, l-industrija tal-gass u l-klijenti permezz tal-assoċjazzjonijiet Ewropej tagħhom (l-Eurogas, l-OGP, il-ĠIE, l-IFIEC, il-BEUC, l-Eurelectric). L-Istati Membri esprimew l-opinjonijiet tagħhom matul il-Kunsill tal-Enerġija tat-12 ta' Jannar u d-19 ta' Frar 2009 u diversi Stati Membri sussegwentement issottomettew osservazzjonijiet bil-miktub lill-Kummissjoni.

Valutazzjoni tal-impatt

¹ ĠUL 127, 29.4.2004, p. 92.

Il-valutazzjoni tal-impatt qieset ħames alternattivi ta' politika: 1) L-ebda azzjoni ġdida mill-Komunità; 2) Infurzar aħjar tad-Direttiva 2004/67/KE; 3) Approċċ volontarju mill-industrija; 4) Direttiva riveduta; 5) Regolament ġdid.

Fir-rigward tal-alternattiva 1 u 2 il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva eżistenti. Ikkonkludiet li d-Direttiva eżistenti mhijiex suffiċjenti fil-kuntest tad-dipendenza dejjem tikber fuq l-importazzjoni u r-riskji li żdiedu għall-provvista u t-tranżitu f'pajjiżi terzi kif ukoll il-flussi ta' gass dejjem jiżdiedu u l-iżvilupp tas-suq intern tal-gass fil-Komunità. Fir-rigward tal-alternattiva 3, żvantaġġ ewleni ta' approċċ volontarju huwa li ma tistax tiġi ggarantita l-parteċipazzjoni mill-atturi kollha b'mod konsistenti. Barra minn dan, il-forzi tas-suq mhux neċessarjament jipprovdu l-kapaċità żejda li tiżgura s-sigurtà tal-provvista. Fir-rigward tal-alternattivi 4 u 5 (l-għażla ta' strument legali) il-Kummissjoni tikkonsidra li Regolament huwa strument aktar xieraq minn Direttiva għar-raġunijiet ewlenin li ġejjin: Regolament huwa direttament applikabbli fuq l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, l-impriżi tal-gass naturali u l-klijenti; ma jeħtieġx transpożizzjoni li tiegħu fit-tul; jiżgura ċ-ċarezza u l-koerenza tal-istandards u l-obbligi madwar il-Komunità u jiddefinixxi direttament l-involviment tal-istituzzjonijiet Komunitarji.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Bażi legali

Il-bażi legali tal-proposta hija l-Artikolu 95 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. L-għan prinċipali tal-proposta huwa li tiżdied is-sigurtà tal-provvista tal-gass billi jinħolqu l-inċentivi għall-investiment fl-interkonnessjonijiet neċessarji biex jintlaħaq l-indikatur N-1, kif ukoll flussi fid-direzzjoni opposta. Dawk l-interkonnessjonijiet huma fl-istess ħin meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-gass.

Ir-Regolament ipoġġi l-enfasi ewlenija fuq ir-rwol li s-suq intern tal-gass għandu biex jiżgura s-sigurtà tal-provvista tal-gass. Id-dispożizzjonijiet għandhom l-għan li jippermettu lill-impriżi tal-gass ifornu lill-klijenti tagħhom madwar il-Komunità għall-itwal żmien possibbli u mingħajr restrizzjonijiet fil-livell nazzjonali. Ir-Regolament jippermetti l-użu ta' miżuri mhux abbażi tas-suq deċiżi mill-awtoritajiet kompetenti bħala l-aħħar għażla biss, f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza meta l-miżuri abbażi tas-suq jkunu ntużaw kollha u l-impriżi tal-gass naturali ma jkunx għandhom f'pożizzjoni li jindirizzaw ix-xkiel fil-provvista. Il-Kummissjoni qed tingħata wkoll rwol aktar b'saħħtu biex tiżgura li s-suq intern jaħdem għall-itwal żmien possibbli u li l-miżuri deċiżi fil-livell nazzjonali jkunu kompatibbli ma' dan il-prinċipju.

Prinċipju tas-sussidjarjetà

Din il-proposta għandha l-għan li ssaħħaħ is-sigurtà tal-provvista fil-Komunità. Bil-ħolqien tas-suq intern tal-gass u kif deher matul ix-xkiel fil-provvista tal-gass f'Jannar 2009, is-sigurtà tal-provvista tal-gass hija kwistjoni li d-dimensjoni tagħha qiegħda ssir dejjem aktar importanti, għalhekk tiġġustifika l-involviment tal-istituzzjonijiet Komunitarji u tal-Kummissjoni b'mod partikolari. F'sitwazzjoni ta' emerġenza Komunitarja, il-Kummissjoni tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex tikkordina l-azzjonijiet tal-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri u biex tiffaċilita d-djalogu ma' pajjiżi terzi. Sabiex tipprevjeni u tħejji għax-xkiel fil-provvista tal-gass, l-aħjar garanzija għas-sigurtà tal-provvista hija suq intern kbir, interkonness sew u kompetittiv, li joffri diversi sorsi u rotot għall-forniment u jifrex l-impatt ta' xkiel fil-provvista minn fuq Stati Membri individwali jew impriżi tal-forniment.

Prinċipju tal-proporzjonalità

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità; ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex jintlaħqu l-għanijiet. L-Istati Membri se jibqgħu responsabbli għas-sigurtà tal-provvista tagħhom u ser ikollhom flessibbiltà konsiderevoli fl-għażla tal-arranġamenti u l-istrumenti biex jiżguraw is-sigurtà tal-provvista filwaqt li jqisu l-karatteristiċi nazzjonali tagħhom fil-qasam tal-gass.

4. Implikazzjonijiet baġitarji

Il-proposta ser ikollha impatt limitat fuq il-baġit tal-Komunità, partikolarment biex jiġu koperti l-ispejjeż tal-laqgħat tal-Grupp tal-Koordinazzjoni tal-Gass u, f'każ li tintuża, tal-ispejjeż tat-task force tal-monitoraġġ li tista' tintuża biex timmonitorja u tirrapporta dwar il-flussi tal-gass fil-Komunità u lil hinn minnha. Il-missjonijiet lil hinn mill-Komunità fi żminijiet ta' kriżi jistgħu jiġu ffinanzjati mill-Istrument għall-Istabbiltà.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar miżuri li jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass
u li jħassar id-Direttiva 2004/67/KE**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni²,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew³,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni⁴,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat⁵,

Billi:

- (1) Il-gass naturali (minn hawn 'il quddiem: il-gass) huwa komponent essenzjali fil-provvista tal-enerġija tal-Komunità u jikkonsisti fi kwart tal-provvista tal-enerġija primarja u jikkontribwixxi l-aktar għall-ġenerazzjoni tal-enerġija, it-tisħin, il-materja prima għall-industrija u l-fjuwil għat-trasport.
- (2) Il-konsum tal-gass fl-Ewropa żdied rapidament matul l-aħħar għaxar snin. Bil-produzzjoni domestika li dejjem qed tonqos, l-importazzjoni tal-gass żdiedet saħansitra iżjed malajr, b'hekk ħolqot dipendenza akbar fuq l-importazzjoni u l-ħtieġa li jiġu indirizzati aspetti tas-sigurtà tal-provvista.
- (3) Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/67/KE stabbiliet għall-ewwel darba qafas legali fil-livell tal-Komunità għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass naturali u li jikkontribwixxi għall-funzjonament korrett tas-suq intern tal-gass anki f'każ ta' xkiel fil-provvista. Stabbiliet il-Grupp tal-Koordinazzjoni tal-Gass li wera li huwa utli għall-iskambju tal-informazzjoni u ddefinixxiet azzjonijiet komuni bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-industrija tal-gass u l-klijenti. In-Netzwerk ta' Korrispondenti dwar is-Sigurtà tal-Enerġija (NESCO) approvat mill-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2006 tejjeb il-kapaċità tal-ġbir tal-informazzjoni u pprovda twissija bikrija tat-theddid

² ĠU C , , p. .

³ ĠU C , , p. .

⁴ ĠU C , , p. .

⁵ ĠU C , , p. .

potenzjali għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija. Il-leġislazzjoni l-ġdida tas-suq intern tal-enerġija adottata mill-Kunsill f'Ġunju 2009 tikkostitwixxi pass importanti sabiex jiġi kkompletat is-suq intern tal-enerġija u għandha l-għan espliċitu li ssaħħa is-sigurtà tal-provvista tal-gass tal-Komunità.

- (4) Madankollu, skont il-miżuri attwali relatati mas-sigurtà tal-provvista tal-gass, li ttieħdu fil-livell Komunitarju, l-Istati Membri għadhom igawdu marġni wiesa' ta' diskrezzjoni dwar l-għażla tal-miżuri. Fejn is-sigurtà tal-provvista ta' Stat Membru tkun mhedda, bla dubju hemm riskju li miżuri żviluppati b'mod unilaterali minn dak l-Istat Membru jistgħu jipperikolaw il-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-gass. Esperjenzi riċenti wrew kemm dak ir-riskju huwa reali. Sabiex is-suq intern tal-gass ikun jista' jiffunzjona anki meta jkun hemm skarrezza fil-provvista, huwa meħtieġ li jkun hemm provvediment għal reazzjoni aktar ikkoordinata għal kriżijiet tal-provvista, kemm fejn tidħol azzjoni preventiva kif ukoll ir-reazzjoni għal xkiel konkret fil-provvista.
- (5) Ir-rotot u s-sorsi tal-gass għall-Komunità għandhom isostnu s-sigurtà tal-provvista tal-Komunità kollha kif ukoll tal-Istati Membri individwalment. Fil-ġejjieni s-sigurtà tal-provvista se tiddependi fuq l-evoluzzjoni tat-taħlita tal-fjuwils, l-iżvilupp tal-produzzjoni fil-Komunità u fil-pajjiżi terzi li jfornu lill-Komunità, l-investimenti fil-faċilitajiet tal-ħżin u r-rotot fil-Komunità u lil hinn minnha, fosthom il-faċilitajiet tal-Gass Naturali Likwifikat.
- (6) Xkiel maġġuri fil-provvista tal-gass għall-Komunità jista' jaffettwa lill-Istati Membri kollha u lill-Partijiet Kontraenti fit-Trattat tal-Komunità tal-Enerġija u jwassal għal ħsarat ekonomiċi gravi fl-ekonomija tal-Komunità. Bl-istess mod ix-xkiel fil-provvista tal-gass jista' jkollu impatti soċjali gravi partikolarment fuq gruppi vulnerabbli ta' klijenti.
- (7) Ir-rapport ta' Diċembru 2008 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea għas-Sigurtà jiġbed l-attenzjoni fuq id-dipendenza dejjem tikber fuq l-enerġija importata bħala riskju sinifikanti addizzjonali għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Komunità u jenfasizza s-sigurtà bħala waħda mill-isfidi l-ġodda għall-politika tas-sigurtà. Is-suq intern tal-gass huwa element kruċjali biex tiżdied is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fil-Komunità u biex jitnaqqas l-esponiment tal-Istati Membri għall-effetti ħżiena tax-xkiel fil-provvista.
- (8) Il-waqfien tal-akbar infrastruttura tal-gass jew tas-sors tal-provvista tal-gass, l-hekk imsejjaħ prinċipju N-1, huwa possibbiltà reali. L-użu tal-waqfien ta' din l-infrastruttura jew sors tal-provvista tal-gass bħala livell ta' referenza għal dak li l-Istati Membri għandhom ikunu f'pożizzjoni li jikkumpensaw, huwa punt ta' tluq validu għall-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista tal-gass tagħhom.
- (9) Infrastruttura suffiċjenti għall-gass fi Stat Membru u madwar il-Komunità hija essenzjali sabiex jiġu indirizzati l-interruzzjonijiet fil-provvista. Kriterji komuni minimi dwar is-sigurtà tal-provvista tal-gass għandhom jiżguraw kundizzjonijiet indaqs għas-sigurtà tal-provvista tal-gass u għandhom jgħolqu inċentivi sinifikanti biex tinbena l-infrastruttura meħtieġa u biex jitjieb il-livell ta' tħejjija f'każ ta' kriżi. Miżuri min-naħa tad-domanda, bħal ma huwa l-bdil tal-fjuwil, jista' jkollhom rwol importanti fl-iżgurar tas-sigurtà tal-enerġija meta dawn ikunu jistgħu jiġu applikati malajr u jnaqqsu b'mod konsiderevoli d-domanda b'reazzjoni għal xkiel fil-provvista.

- (10) L-investimenti f'infrastruttura ġdida tal-gass għandhom jiġu promossi bil-qawwa. Għandhom isaħħu s-sigurtà tal-provvista tal-gass filwaqt li jiżguraw il-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-gass naturali. Meta investiment infrastrutturali jkun ta' tip transkonfinali, l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija stabbilita bir-Regolament (KE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("ACER") u n-Netwerk Ewropew tal-Operaturi tas-Sistema tat-Trażmissjoni tal-Gass ("ENTSO-G") għandhom ikunu involuti mill-qrib ħalli jqisu aħjar l-implikazzjonijiet transkonfinali.
- (11) Sorsi differenti ta' finanzjament Komunitarju huma disponibbli biex jgħinu lill-Istati Membri jiffinanzjaw l-investiment meħtieġ fil-produzzjoni u l-infrastruttura indiġena, speċjalment self u garanziji mill-Bank Ewropew tal-Investiment jew finanzjament mill-fondi reġjonali, strutturali jew ta' koeżjoni. Il-Bank Ewropew tal-Investiment kif ukoll l-istrumenti esterni tal-Komunità bħall-ENPI, l-IPA u d-DCI jistgħu wkoll jiffinanzjaw azzjonijiet f'pajjiżi terzi sabiex titjeb is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija.
- (12) Dan ir-Regolament għandu jippermetti lill-impriżi tal-gass naturali u lill-klijenti jserrħu fuq il-mekkaniżmi tas-suq għall-itwal żmien possibbli meta jkun qed jaffrontaw xkiel. Għandu wkoll jipprovdi għall-mekkaniżmi ta' emerġenza biex jintużaw meta s-swieq ma jiqbghux f'pożizzjoni li jindirizzaw kif xieraq xkiel fil-provvista tal-gass. Anki waqt Emerġenza, l-istrumenti abbażi tas-suq għandhom jingħataw prijorità sabiex jittaffew l-effetti tax-xkiel fil-provvista.
- (13) B'segwitu għall-adozzjoni tat-tielet pakkett dwar is-suq intern tal-enerġija⁶, dispożizzjonijiet ġodda se japplikaw għas-settur tal-gass u joħlqu rwoli u responsabbiltajiet ċari għall-Istati Membri, ir-regolaturi, l-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni u l-ACER, kif ukoll itejbu t-trasparenza tas-suq għall-benefiċċju tal-funzjonament tajjeb tiegħu u tas-sigurtà tal-provvista.
- (14) Il-kompletar tas-suq intern tal-gass u l-kompetizzjoni effikaċi fis-suq joffru lill-Komunità l-ogħla livell ta' sigurtà tal-provvista għall-Istati Membri kollha, sakemm is-suq jitħalla jaħdem bis-sħiħ f'każ ta' xkiel tal-provvista li taffettwa parti mill-Komunità, ikun xi jkun il-każ tal-ixkiel. Għal dan il-għan huwa meħtieġ approċċ komprensiv u effikaċi komuni għas-sigurtà tal-provvista, partikolarment permezz ta' politiki trasparenti u mhux diskriminatorji kompatibbli mar-rekwiżiti tas-suq, li jevita tgħawwiġ fis-suq kif ukoll jevita li jdghajjed ir-reazzjonijiet tas-suq għax-xkiel.
- (15) Id-definizzjoni eżatta tal-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-impriżi tal-gass naturali u l-Awtoritajiet Kompetenti kollha hija għalhekk kruċjali biex ma jiqafx il-funzjonament tas-suq intern, partikolarment waqt xkiel fil-provvista u f'sitwazzjonijiet ta' kriżi.
- (16) Standards tas-sigurtà tal-provvista armonizzati biżżejjed li jkopru mill-anqas is-sitwazzjoni li ppreżentat ruħha f'Jannar 2009 u jqisu d-differenzi bejn l-Istati Membri, għandhom jiġu ddefiniti mingħajr ma jiġu imposti piżijiet mhux raġonevoli u sproporzjonati fuq l-impriżi tal-gass naturali fosthom daww ġodda u daww żgħar.
- (17) Huwa essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq li l-investimenti neċessarji fil-produzzjoni u l-infrastrutturi indiġeni, bħall-interkonnnessjonijiet, it-tagħmir li jippermetti flussi fiżiċi bidirezzjonali fis-sistemi tal-pajpijiet, il-ħżin u l-faċilitajiet tal-

⁶ ĠUL

gassifikazzjoni mill-ġdid tal-LNG, jitwettqu fil-ħin mill-impriżi tal-gass naturali minħabba l-possibbiltà ta' xkiel fil-provvista bħal ma seħħ f'Jannar 2009.

- (18) Huwa importanti li l-provvista tal-gass ma tiqafx, partikolarment għall-klijenti domestiċi, kif ukoll għal klijenti protetti oħra bħall-iskejjel u l-isptarijiet, f'każijiet fejn is-suq ma jkunx jista' ikompli jfornihom. Huwa essenzjali li l-miżuri li għandhom jittieħdu matul kriżi jkunu ddefiniti minn qabel kwalunkwe kriżi.
- (19) Hija disponibbli għażla kbira ta' strumenti għall-konformità mal-obbligi tas-sigurtà tal-provvista. Dawn l-istrumenti għandhom jintużaw f'kuntest nazzjonali, reġjonali u Komunitarju, kif xieraq, biex jiġi żgurat li jipproduċu riżultat konsistenti u ekonomikament effikaċi.
- (20) L-aspetti tas-sigurtà tal-provvista tal-ippjanar fit-tul tal-investimenti f'kapaċitajiet transkonfinali u infrastrutturi oħra suffiċjenti li jiżguraw li s-sistema tkun kapaċi tiggarrantixxi s-sigurtà tal-provvista u tissodisfa domandi raġonevoli, huma indirizzati mid-Direttiva .../.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE]⁷. Jista' jkun meħtieġ perjodu tranżizzjonali ħalli jkunu jistgħu jsiru l-investimenti neċessarji qabel jintlaħqu l-istandards tas-sigurtà tal-provvista. Il-pjan fuq għaxar snin għall-iżvilupp tan-netwerk, imfassal mill-ENTSO-G u ssorveljat mill-ACER, huwa għodda fundamentali biex jiġu identifikati l-investimenti meħtieġa fil-livell Komunitarju.
- (21) L-ENTSO-G u l-ACER, bħala membri tal-Grupp tal-Koordinazzjoni tal-Gass, għandhom ikunu involuti bis-sħiħ fil-proċess tal-kooperazzjoni u l-konsultazzjonijiet fil-livell Komunitarju.
- (22) Sabiex jiġi żgurat l-ogħla livell ta' tħejjija f'każ ta' xkiel fil-provvista, għandhom jiġu stabbiliti Pjanijiet ta' Emerġenza mill-impriżi kollha tal-gass naturali flimkien mal-Awtoritajiet Kompetenti. Dawn il-pjanijiet għandhom ikunu konsistenti ma' xulxin. Il-kontenut tagħhom għandu jsegwi l-aħjar Prattiki fost il-pjanijiet eżistenti u għandu jiddefinixxi rwoli u responsabbiltajiet ċari għall-impriżi tal-gass naturali u l-Awtoritajiet Kompetenti kollha konċernati. Għandhom jiġu stabbiliti pjanijiet konġunti ta' emerġenza fil-livell reġjonali kull fejn possibbli u neċessarju.
- (23) Sabiex tissaħħaħ is-solidarjetà bejn l-Istati Membri f'każ ta' Emerġenza Komunitarja u partikolarment sabiex jiġu megħjuna l-Istati Membri li huma esposti għal kundizzjonijiet ġeografiċi u ġeoloġiċi anqas favorevoli, l-Istati Membri għandhom joħolqu miżuri speċifiċi ħalli juru solidarjetà, fosthom miżuri bħal ftehimiet kummerċjali bejn impiżi tal-gass, mekkaniżmi ta' kumpens, esportazzjonijiet akbar ta' gass jew rilaxx akbar mill-ħażniet. Miżuri ta' solidarjetà jistgħu jkunu partikolarment xierqa bejn l-Istati Membri li għalihom il-Kummissjoni tirrakkomanda l-istabbiliment ta' azzjonijiet konġunti preventivi jew ta' pjanijiet ta' emerġenza fil-livell reġjonali.
- (24) Is-solidarjetà Ewropea għandha wkoll, fejn meħtieġ, tkun f'sura ta' assistenza tal-protezzjoni ċivili mogħtija mill-Komunità lill-Istati Membri tagħha. Din l-assistenza

⁷

Id-Direttiva XXX

għandha tkun iffaċilitata u kkoordinata mill-Mekkaniżmu Komunitarju għall-Protezzjoni Ċivili stabbilit bid-Deċizzjoni tal-Kunsill 2007/779/KE, Euratom⁸.

- (25) Id-drittijiet sovrani tal-Istati Membri fuq ir-riżorsi naturali tagħhom mhumiex mittiefsa minn dan ir-Regolament.
- (26) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom⁹ tistipula proċess bil-ħsieb li ssaħħaħ is-sigurtà tal-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej imsemmija, fosthom ċerti infrastrutturi tal-gass fil-Komunità. Id-Direttiva 2008/114/KE flimkien ma' dan ir-Regolament tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' approċċ komprensiv għas-sigurtà tal-enerġija tal-Komunità.
- (27) Il-Pjanijiet tal-Emerġenza għandhom jiġu aġġornati regolarment u ppubblikati. Għandhom jiġu soġġetti għal eżami mill-pari u ttestjati.
- (28) Il-Grupp tal-Koordinazzjoni tal-Gass, stabbilit mid-Direttiva 2004/67/KE tas-26 ta' April 2004 li għandha x'taqsam mal-miżuri biex tissalvagwardja s-sigurtà tal-provvista ta' gass naturali¹⁰, għandu jaġixxi bħala konsulent għall-Kummissjoni biex tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni tal-miżuri tas-sigurtà tal-provvista f'każ ta' emerġenza Komunitarja. Għandu wkoll jimmonitorja l-adeqwatezza u kemm ikunu f'waqthom il-miżuri li għandhom jittieħdu skont dan ir-Regolament.
- (29) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jawtorizza lill-impriżi tal-gass naturali u lill-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri biex jiżguraw li s-suq intern tal-gass jaħdem b'mod effikaċji għall-itwal perjodu ta' żmien possibbli f'każ ta' xkiel fil-provvista, qabel ma jittieħdu miżuri mill-Awtoritajiet Kompetenti biex jindirizzaw is-sitwazzjoni li fiha s-suq ma jkunx għadu f'pożizzjoni li jforni l-provvisti tal-gass. Miżuri eċċezzjonali bħal dawn għandhom ikunu konformi bis-sħiħ mar-regoli Komunitarji u għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni.
- (30) Peress li provvisti tal-gass minn pajjiżi terzi huma ċentrali għas-sigurtà tal-provvista tal-gass tal-Komunità, il-Kummissjoni għandha tikkoordina l-azzjonijiet fir-rigward ta' pajjiżi terzi, billi taħdem mal-pajjiżi produttori u ta' tranżitu dwar arranġamenti sabiex jiġu ġestiti s-sitwazzjonijiet ta' kriżi u sabiex jiġi żgurat fluss stabbli għall-Komunità. Il-Kummissjoni għandha tkun intitolata li tuża task force sabiex timmonitorja l-flussi tal-gass f'sitwazzjonijiet ta' kriżi fil-pajjiżi terzi involuti li mhumiex fil-Komunità, u b'konsultazzjoni magħhom, u fejn il-kriżi tinholq minħabba diffikultajiet f'pajjiżi terzi, li tieħu rwol ta' medjazzjoni u ffacilitazzjoni.
- (31) Fi Frar 2009, il-Kunsill tal-Enerġija kkonkluda li t-trasparenza u l-affidabbiltà għandhom jiżiedu permezz ta' skambju importanti ta' informazzjoni f'livell bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar ir-relazzjonijiet tal-enerġija, fosthom l-arranġamenti tal-forniment fil-medda twila taż-żmien, ma' pajjiżi terzi filwaqt li jippreżervaw l-informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

⁸ GÜ L 314, 1.12.2007, p. 9.

⁹ GÜ L 345, 23.12.2008, p. 75.

¹⁰ GÜ L 127, 29.4.2004, p. 92.

- (32) Billi l-għanijiet tal-azzjoni biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-gass fil-Komunità ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri biss u jistgħu għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jintlaħqu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet.
- (33) Id-Direttiva 2004/67/KEE għandha titħassar.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1 **Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri bl-għan li jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb u kontinwu tas-suq intern tal-gass billi jipprovdu għal definizzjoni u attribuzzjoni ċari tar-responsabbiltajiet u għal koordinazzjoni tar-reazzjoni fil-livell tal-Istati Membri u l-Komunità kemm fir-rigward tal-azzjoni preventiva kif ukoll tar-reazzjoni għal xkiel konkret fil-provvista.

Artikolu 2 **Definizzjonijiet**

Għall-fini ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet tad-Direttiva 2009/xxx/KE¹¹ (id-"Direttiva dwar il-Gass") u r-Regolament 2009/xxx/KE¹² (ir-"Regolament tal-Aġenzija").

Barra minn hekk id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

- (1) "klijenti protetti" tfisser il-klijenti domestiċi kollha li diġà huma konnessi ma' netwerk tad-distribuzzjoni tal-gass, u jekk l-Istat Membru konċernat jiddeċiedi hekk, tista' tinkludi wkoll l-impriżi żgħar u ta' daqs medju, l-iskejjel u l-isptarijiet sakemm dawn diġà huma konnessi ma' netwerk tad-distribuzzjoni tal-gass;
- (2) "Awtorità Kompetenti" tfisser l-awtorità regolatorja nazzjonali jew l-awtorità nazzjonali tal-gvern maħtura mill-Istati Membri biex tkun responsabbli għas-sigurtà tal-provvista tal-gass. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-għażla tal-Istati Membri li jallokaw ċerti responsabbiltajiet f'dan ir-Regolament lil awtoritajiet oħra minflok lill-Awtorità Kompetenti. Dawn ir-responsabbiltajiet għandhom jitwettqu taħt is-supervizzjoni tal-Awtorità Kompetenti u għandhom ikunu speċifikati fil-pjanijiet imsemmija fl-Artikolu 4.

¹¹ Id-Direttiva 2009/xxx/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/55/KE rigward regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali (ĠU L []).

¹² Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU L []).

Artikolu 3

Responsabbiltà għas-sigurtà tal-provvista tal-gass

1. Is-sigurtà tal-provvista tal-gass hija responsabbiltà tal-impriżi tal-gass naturali, l-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri, il-klijenti industrijali tal-gass, u l-Kummissjoni, fl-oqsma tar-responsabbiltà rispettivi tagħhom. Teħtieġ livell għoli ta' kooperazzjoni bejniethom.
2. Kull Stat Membru għandu jaħtar Awtorità Kompetenti responsabbli għall-implimentazzjoni tal-miżuri tas-sigurtà tal-provvista tal-gass ipprovduti f'dan ir-Regolament. Il-miżuri għandhom jinkludu valutazzjoni biennali tar-riskju, l-istabbiliment tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Preventiva, l-istabbiliment tal-Pjan ta' Emerġenza, u l-monitoraġġ kontinwu tas-sigurtà tal-provvista tal-gass fil-livell nazzjonali. L-Awtoritajiet Kompetenti għandhom jikkooperaw flimkien ħalli jipprevjenu xkiel fil-provvista u jillimitaw l-effetti ħżiena f'każ li dan iseħħ.
3. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar l-Awtorità Kompetenti maħtura sa mhux aktar tard [mit-30 ta' Ġunju 2010; tliet xhur mid-dħul fis-seħħ].
4. Il-Kummissjoni għandha tikkoordina, fil-livell Komunitarju, lill-Awtoritajiet Kompetenti permezz tal-Grupp tal-Koordinazzjoni tal-Gass, partikolarment fil-każ ta' Emerġenza Komunitarja.
5. Il-miżuri biex tkun żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-gass għandhom ikunu ddefiniti sew, trasparenti, proporzjonati, mhux diskriminatorji, verifikabbli u ma għandhomx jgħawwġu bla bżonn il-kompetizzjoni u l-funzjonament effikaċi tas-suq intern.

Artikolu 4

Stabbiliment ta' Pjan ta' Azzjoni Preventiva u ta' Pjan ta' Emerġenza

1. Sa mhux aktar tard [mill-31 ta' Marzu 2011; 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ], l-Awtorità Kompetenti, wara konsultazzjoni mal-impriżi tal-gass naturali, l-organizzazzjonijiet rilevanti li jirrappreżentaw l-interessi tal-klijenti domestiċi u industrijali, u mal-awtorità regolatorja, meta din ma tkunx l-Awtorità Kompetenti, għandha tistabbilixxi:
 - (a) Pjan ta' Azzjoni Preventiva li jkun fih il-miżuri meħtieġa biex jittaffew ir-riskji identifikati; kif ukoll
 - (b) Pjan ta' Emerġenza li jkun fih il-miżuri li għandhom jittieħdu biex jittaffa l-impatt ta' xkiel fil-provvista tal-gass.
2. Qabel jadottaw dawn il-Pjanijiet l-Awtoritajiet Kompetenti għandhom jaqsmu l-informazzjoni u jikkonsultatw lil xulxin u lill-Kummissjoni biex jiżguraw li l-Pjanijiet u l-miżuri tagħhom huma konsistenti ma' xulxin fil-livell reġjonali xieraq. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom tal-anqas ikopru l-interkonnessjonijiet, il-provvisti transkonfinali, il-ħażniet transkonfinali u l-kapaċità fiżika għat-trasport tal-gass fiż-żewġ direzzjonijiet.
3. Matul il-proċess imsemmi fil-paragrafu 2 il-Kummissjoni tista' tirrakkomanda f'liema livell reġjonali għandhom isiru l-iskambju tal-informazzjoni u l-konsultazzjonijiet. Il-

Kummissjoni, wara konsultazzjoni man-Netwerk Ewropew tal-Operaturi tas-Sistema tat-Trażmissjoni tal-Gass ("ENTSO-G") u l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ("ACER"), tista' wkoll tirrakkomanda l-istabbiliment ta' Pjan konġunt fil-livell reġjonali.

4. L-Istati Membri jistgħu wkoll jiddeċiedu li jistabbilixxu Pjanijiet konġunti fil-livell reġjonali, minflok Pjanijiet nazzjonali separati jew b'żieda magħhom.
5. L-Awtorità Kompetenti għandha tippubblika l-Pjanijiet tagħha, fosthom il-verżjonijiet emendati skont il-paragrafu 6, u tinnotifikahom lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.
6. Fi żmien sitt xhur wara n-notifika tal-Pjanijiet mill-Awtoritajiet Kompetenti, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Pjanijiet tal-Istati Membri kollha. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-ENTSO-G, l-ACER, il-Grupp tal-Koordinazzjoni tal-Gass u lill-partijiet interessati konċernati l-oħra dwar dawn il-pjanijiet. Meta l-Kummissjoni tqis li Pjan mhux effikaċi biex itaffi r-riskji kif identifikati fil-valutazzjoni tar-riskji jew mhux konsistenti max-xenarji tar-riskji jew mal-Pjanijiet tal-Istati Membri l-oħra, jew li ma jikkonformax mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew ma' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi Komunitarja, għandha titlob reviżjoni tal-Pjan.

Fi żmien xahrejn min-notifika tat-talba tal-Kummissjoni, l-Awtorità Kompetenti konċernata għandha temenda l-Pjan tagħha u tinnotifika l-Pjan emendat lill-Kummissjoni jew għandha tispjega lill-Kummissjoni għalfejn ma taqbilx mat-talba. F'dak il-każ, il-Kummissjoni tista' temenda jew tirtira t-talba tagħha.

Jekk fi żmien xahrejn il-Kummissjoni tiddeċiedi li ma temendax jew ma tirtirax it-talba tagħha, l-Awtorità Kompetenti għandha tikkonforma mat-talba tal-Kummissjoni fi żmien tliet xhur wara n-notifika tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Artikolu 5

Kontenut tal-Pjan ta' Azzjoni Preventiva

1. Il-Pjan ta' Azzjoni Preventiva għandu jkun fih:
 - (a) il-miżuri biex jiġu ssodisfati l-istandards tal-infrastruttura u l-provvista, kif stipulati fl-Artikoli 6 u 7; dawn il-miżuri għandhom jinkludu tal-anqas l-ippjanar biex jintlaħaq l-istandard N-1, il-volumi u l-kapaċitajiet meħtieġa għall-forniment tal-klijenti protetti fil-perjodi ta' domanda għolja ddefiniti, il-miżuri min-naħa tad-domanda u l-obbligi imposti fuq l-impriżi tal-gass naturali u entitajiet rilevanti oħra;
 - (b) il-valutazzjoni tar-riskju kif stipulat fl-Artikolu 8;
 - (c) il-miżuri preventivi biex jiġu indirizzati r-riskji identifikati;
 - (d) l-informazzjoni dwar l-Obbligi tas-Servizz Pubbliku rilevanti.

2. Il-Pjan ta' Azzjoni Preventiva, partikolarment l-azzjonijiet biex jintlaħaq l-istandard tal-infrastruttura kif stipulat fl-Artikolu 6, għandu jkun ibbażat fuq u konsistenti mal-pjan ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-netwerk li għandu jitfassal mill-ENTSO-G¹³.
3. Il-Pjan ta' Azzjoni Preventiva għandu jqis l-effikaċja ekonomika, l-effetti fuq il-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija u l-impatt ambjentali.
4. Il-Pjan ta' Azzjoni Preventiva għandu jiġi aġġornat kull sentejn.

Artikolu 6 **Standard tal-infrastruttura**

1. Sa mhux aktar tard [mill-31 ta' Marzu 2014; tliet snin wara d-dħul fis-seħħ], l-Awtorità Kompetenti għandha tiżgura li fil-każ ta' xkiel fl-akbar infrastruttura tal-provvista tal-gass, l-infrastruttura li tibqa' (N-1) ikollha l-kapaċità li tforni l-volum neċessarju ta' gass biex tissodisfa d-domanda totali għall-gass taż-żona kkalkulata matul perjodu ta' sittin jum ta' domanda eċċezzjonalment għolja għall-gass matul l-iksar perjodu li statistikament iseħħ kull għoxrin sena.
2. Skont ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 4(3) jew fis-sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(4), l-obbligu stipulat fil-paragrafu 1 jista' jiġi ssodisfat fil-livell reġjonali. L-istandard N-1 għandu wkoll jitqies li ġie rispettata meta l-Awtorità Kompetenti turi fil-Pjan ta' Azzjoni Preventiva msemmi fl-Artikolu 5 li xkiel fil-provvista jista' jiġi kkompensat biżżejjed u fil-ħin b'miżuri min-naħa tad-domanda.
3. Għandha tintuża l-metodoloġija għall-kalkolu tal-istandard N-1 kif ipprovdut fl-Anness I. Għandha titqies il-konfigurazzjoni tan-netwerk u l-flussi attwali tal-gass **kif ukoll il-preżenza ta' kapaċitajiet tal-produzzjoni u l-ħżin**. Fejn meħtieġ iż-żona kkalkulata kif imsemmija fl-Anness I għandha tiġi estiża għal-livell reġjonali xieraq.
4. Kull Awtorità Kompetenti għandha tirrapporta lill-Kummissjoni mingħajr dewmien kwalunkwe nuqqas ta' konformità mal-istandard N-1.
5. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jippermettu kapaċità fiżika permanenti għat-trasport tal-gass fiż-żewġ direzzjonijiet fl-interkonnessjonijiet kollha fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, ħlief f'każijiet fejn fuq talba tal-Awtorità Kompetenti, il-Kummissjoni tiddeċiedi li ż-żieda ta' kapaċità ta' fluss bidirezzjonali ma ssaħħaħx is-sigurtà tal-provvista ta' kwalunkwe Stat Membru. Din id-deċizzjoni tista' tiġi eżaminata mill-ġdid jekk jinbidlu ċ-ċirkustanzi. Il-livell tal-kapaċità bidirezzjonali tal-fluss għandha tintlaħaq b'mod ekonomikament effikaċi u tal-anqas tqis il-kapaċità meħtieġa biex jintlaħaq l-istandard tal-provvista stipulat fl-Artikolu 7. Fi żmien dak il-perjodu ta' sentejn, l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni tal-gass għandu jadatta l-funzjonament tas-sistema sħiħa tat-trażmissjoni ħalli jippermetti flussi bidirezzjonali tal-gass.
6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe infrastruttura ġdida tat-trażmissjoni tipprovdi għas-sigurtà tal-provvista permezz ta' għadd suffiċjenti ta'

¹³ L-Artikolu XX tad-Direttiva ĠU L

punti ta' dħul u ħruġ, u tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' infrastruttura konnessa tajjeb.

7. L-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali għandhom iqisu l-ispejjeż tal-issodisfar tal-istandard N-1 u l-ispejjeż biex il-kapaċità fiżika permanenti tkun tista' tittrasporta gass fiż-żewġ direzzjonijiet meta japprovaw it-tariffi f'konformità mal-Artikolu 41(8) tad-Direttiva [.../...KE]. Fil-każ ta' spejjeż imġarrba f'aktar minn Stat Membru wieħed, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istati Membri konċernati għandhom jiddeċiedu flimkien dwar l-allokazzjoni tal-ispejjeż. Għandu japplika l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru .../....

Artikolu 7

Standard tal-provvista

1. L-awtorità Kompetenti għandha tieħu miżuri biex tiżgura l-forniment tal-gass lill-klijenti protetti tal-Istat Membru f'każ ta':
 - a) temperaturi estremament kesħin matul perjodu ta' sebat ijiem bl-ogħla valur li statistikament iseħħ darba kull għoxrin sena; kif ukoll
 - b) kwalunkwe perjodu ta' sittin jum ta' domanda eċċezzjonalment għolja għall-gass matul perjodi bl-iksar temp li statistikament iseħħ kull għoxrin sena.
2. L-Awtorità Kompetenti għandha tieħu miżuri biex tiżgura l-forniment tal-gass lill-klijenti protetti għal perjodu ta' sittin jum anki fil-każ ta' Emerġenza kif iddefinita fl-Artikolu 9(2). L-Awtorità Kompetenti għandha tibqa' tagħmel hiliha, għat-tul taż-żmien kollu meħtieġ, sabiex ma twaqqafx il-forniment lill-klijenti protetti.
3. L-obbligi imposti fuq l-impriżi tal-gass naturali biex jissodisfaw l-istandard tal-provvista kif stipulat fil-paragrafu 1 u 2 ma għandhomx ikunu diskriminatorji u ma għandhomx jimponu piż bla bżonn fuq l-impriżi l-ġodda fis-suq u fuq impiżi żgħar.
4. L-Awtorità Kompetenti għandha tippermetti lill-impriżi tal-gass naturali li jilħqu dawn il-kriterji fuq livell reġjonali jew Komunitarju u ma għandhiex tesiġi li dawn l-istandards jintlaħqu abbażi tal-infrastruttura li tinsab fit-territorju tagħha biss.
5. L-Awtorità Kompetenti għandha tiżgura li l-kundizzjonijiet għall-provvisti lill-klijenti protetti huma stabbiliti mingħajr ħsara għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-gass u bi prezz li jirrispetta l-valur fis-suq tal-bżonn bażiku.

Artikolu 8

Valutazzjoni tar-riskji

1. Sa [it-30 ta' Settembru 2010; sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ] kull Awtorità Kompetenti għandha tivvaluta bis-sħiħ ir-riskji li jaffettwaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass fl-Istat Membru tagħha billi:
 - a) tuża l-istandards speċifikati fl-Artikoli 6 u 7;
 - b) tqis iċ-ċirkustanzi nazzjonali u reġjonali rilevanti kollha;

- c) tissimula diversi xenarji ta' domanda eċċezzjonalment għolja u xkiel fil-provvista, bħal ħsara fl-infrastrutturi ewlenin tat-trażmissjoni, il-ħażniet, it-terminals tal-LNG u x-xkiel fil-forniment mingħand fornituri minn pajjiżi terzi;
 - d) l-identifikazzjoni tal-interazzjoni u l-korrelazzjoni tar-riskji ma' Stati Membri oħra.
2. L-impriżi tal-gass naturali, l-organizzazzjonijiet rilevanti li jirrappreżentaw l-interessi tal-klijenti domestiċi u industrijali, u l-awtorità regolatorja, meta din ma tkunx l-Awtorità Kompetenti, għandhom jikkooperaw u jipprovdu l-informazzjoni kollha neċessarja għall-valutazzjoni tar-riskji.
 3. Il-valutazzjoni tar-riskji għandha tiġi rrepetuta kull sentejn qabel it-30 ta' Settembru ta' dik is-sena.

Artikolu 9

Pjan tal-Emerġenza u l-Livelli tal-Kriżi

1. Il-Pjan tal-Emerġenza għandu:
 - (1) Jibni fuq il-livelli tal-kriżi skont il-paragrafu 2;
 - (2) Jiddefinixxi r-rwol u r-responsabbiltajiet tal-impriżi tal-gass naturali u tal-klijenti industrijali, u l-interazzjoni tagħhom mal-Awtoritajiet Kompetenti u fejn xieraq mal-awtorità regolatorja;
 - (3) Jiddefinixxi r-rwol u r-responsabbiltajiet tal-Awtorità Kompetenti;
 - (4) Jistabbilixxi proċeduri dettaljati li għandhom jiġu segwiti għal kull livell ta' kriżi, fosthom l-iskemi korrispondenti dwar il-flussi tal-informazzjoni;
 - (5) Jaħtar manijer jew tim tal-kriżi u jiddefinixxi r-rwol tiegħu;
 - (6) Jidentifika l-kontribut tal-miżuri abbażi tas-suq elenkati fl-Anness II biex jindirizzaw is-sitwazzjoni fil-livell tal-Alert u jtaffu s-sitwazzjoni fil-livell tal-Emerġenza.
 - (7) Jidentifika l-kontribut tal-miżuri mhux abbażi tas-suq ippjanati jew li għandhom jiġu implimentati għal-livell tal-Emerġenza elenkati fl-Anness III u jivvaluta sa fejn huwa meħtieġ l-użu tal-miżuri mhux abbażi tas-suq sabiex tiġi indirizzata l-kriżi, jivvaluta l-effetti tagħhom u jiddefinixxi l-proċeduri għall-implimentazzjoni tagħhom;
 - (8) Jiddeskrivi l-mekkaniżmi użati għall-kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra għal kull livell ta' kriżi;
 - (9) Jispjega l-obbligi tar-rappurtar imposti fuq l-impriżi tal-gass naturali fil-livelli tal-Alert u l-Emerġenza;
 - (10) Jelenka l-azzjonijiet iddefiniti minn qabel biex ikun hemm disponibbiltà ta' gass f'każ ta' Emerġenza, fosthom il-mekkaniżmi ta' kumpens u l-ftehimiet kummerċjali bejn il-partijiet involuti f'dawn l-azzjonijiet. Dawn l-azzjonijiet

jistgħu jinvolvu ftehimiet transkonfinali bejn l-Istati Membri u/jew l-impriżi tal-gass naturali.

2. It-tliet livelli ewlenin ta' kriżi għandhom ikunu kif ġej:
 - (1) Livell ta' twissija bikrija (Twissija Bikrija): Meta jkun hemm informazzjoni konkreta, serja u affidabbli, possibbilment imqanqla mill-Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija, li jista' jseħħ avveniment li jiddeterjora l-kundizzjonijiet tal-provvista;
 - (2) Livell tal-Alert (Alert): meta jseħħ xkiel fil-provvista jew isseħħ domanda eċċezzjonalment għolja iżda s-suq ikun għadu jista' jsolvi s-sitwazzjoni mingħajr intervent tal-Awtorità Kompetenti;
 - (3) Livell tal-Emerġenza (Emerġenza): meta sseħħ domanda eċċezzjonalment għolja jew meta jseħħ xkiel fil-provvista permezz jew mingħand l-akbar infrastruttura jew sors u jkun hemm riskju kredibbli li l-istandard tal-forniment lill-klijenti protetti ma jistax jintlaħaq aktar bi strumenti abbażi tas-suq waħedhom.
3. Il-Pjan tal-Emerġenza għandu jiżgura li l-aċċess transkonfinali għall-faċilitajiet tal-ħażna jibqa' miftuħ f'każ ta' emerġenza wkoll. Il-Pjan ta' Emerġenza ma għandu jdaħħal l-ebda miżura li tirrestrinġi bla bżonn il-fluss transkonfinali tal-gass.
4. L-Awtorità Kompetenti għandha tinforma minnufih lill-Kummissjoni u tipprovdilha l-informazzjoni neċessarja kollha meta tiddikjara kwalunkwe mil-livelli tal-kriżi. Fil-każ ta' emerġenza li tista' tirriżulta f'sejħa għall-ghajjnuna mill-UE u l-Istati Membri tagħha, l-Awtorità Kompetenti tal-Istat Membru konċernat għandha mingħajr dewmien tinnotifika liċ-Ċentru tal-Monitoraġġ u l-Informazzjoni tal-Protezzjoni Ċivili tal-Kummissjoni.
5. Meta l-Awtorità Kompetenti tiddikjara Emerġenza għandha ssegwi l-azzjonijiet iddefiniti minn qabel kif iddefiniti fil-Pjan tal-Emerġenza u għandha tinforma minnufih lill-Kummissjoni partikolarment bl-azzjonijiet li biħsiebha tieħu skont l-Artikolu 9(1). Il-Kummissjoni tista' tlaqqa' l-Grupp tal-Koordinazzjoni tal-Gass.
6. Il-Kummissjoni għandha tivverifika fi żmien ġimgħa jekk id-dikjarazzjoni ta' Emerġenza hijiex iġġustifikata u jekk timponix piż bla bżonn fuq l-impriżi tal-gass naturali u fuq il-funzjonament tas-suq intern. Il-Kummissjoni tista', partikolarment, titlob lill-Awtorità Kompetenti biex timmodifika l-miżuri li jimponu piż żejjed fuq l-impriżi tal-gass naturali u biex tirtira d-dikjarazzjoni tagħha ta' Emerġenza jekk il-Kummissjoni tqis li ma tkunx għadha ġġustifikata.

Artikolu 10

Reazzjonijiet Komunitarji għall-emerġenzi

1. Il-Kummissjoni tista' tiddikjara Emerġenza Komunitarja fuq talba ta' Awtorità Kompetenti jew meta l-Komunità titlef aktar minn 10 % tal-importazzjoni ta' kuljum tal-gass mingħand pajjiżi terzi kif ikkalkulat mill-ENTSO-G. Għandha tiddikjara Emerġenza Komunitarja meta aktar minn Awtorità Kompetenti waħda tkun iddikjarat Emerġenza wara l-verifika skont l-Artikolu 9(6). Tista' tiddikjara

Emerġenza Komunitarja għal reġjuni ġeografiċi speċifiċi affettwati li jkunu jinkludu aktar minn Stat Membru wieħed.

2. Il-Kummissjoni għandha tlaqqa' l-Grupp tal-Koordinazzjoni tal-Gass hekk kif tiddikjara Emerġenza Komunitarja.
3. F'Emerġenza Komunitarja, il-Kummissjoni għandha tikkordina l-azzjonijiet tal-Awtoritajiet Kompetenti. Partikolarment il-Kummissjoni għandha tiżgura l-iskambju tal-informazzjoni, tiżgura l-konsistenza u l-effikaċja tal-azzjonijiet fil-livell tal-Istati Membri u reġjonali b'relazzjoni mal-livell Komunitarju, u tikkordina l-azzjonijiet fir-rigward ta' pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni tista' tlaqqa' grupp għall-ġestjoni tal-kriżi magħmul partikolarment minn rappreżentanti tal-industrija u l-Istati Membri konċernati mill-Emerġenza.
4. Meta l-Kummissjoni tqis li f'Emerġenza Komunitarja, azzjoni meħuda minn Awtorità Kompetenti jew impriżi tal-gass naturali mhijiex xierqa biex tindirizza l-Emerġenza, jew li tipperikola serjament is-sitwazzjoni fi Stat Membru ieħor, il-Kummissjoni għandha tesiġi li l-Awtorità Kompetenti jew l-impriża tal-gass naturali biex tbiddel l-azzjoni tagħha.

Fi żmien tlett ijiem min-notifika tat-talba tal-Kummissjoni, l-Awtorità Kompetenti konċernata għandha temenda l-azzjoni tagħha u tinnotifika lill-Kummissjoni jew għandha tispjega lill-Kummissjoni għalfejn ma taqbilx mat-talba. F'dak il-każ, il-Kummissjoni tista' temenda jew tirtira t-talba tagħha.

Jekk, fi żmien tlett ijiem il-Kummissjoni tiddeċiedi li ma temendax jew ma tirtirax it-talba tagħha, l-Awtorità Kompetenti għandha tikkonforma mat-talba tal-Kummissjoni mingħajr dewmien.

5. L-Awtorità Kompetenti jew l-impriża tal-gass naturali fl-ebda ħin ma għandhom idaħħlu miżuri li jirrestrinġu l-fluss tal-gass fis-suq intern.
6. F'Emerġenza Komunitarja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jingħalaqx l-aċċess transkonfinali għall-faċilitajiet tal-ħżin u ma għandhom idaħħlu l-ebda dispożizzjoni legali li tirrestrinġi bla bżonn il-fluss tal-gass lejn is-swieq affettwati.
7. Il-Kummissjoni għandha tistabbillixxi lista permanenti ta' riżerva għal task force ta' monitoraġġ li tikkonsisti minn esperti industrijali u rappreżentanti tal-Kummissjoni. Din it-task force ta' monitoraġġ tista' tintuża meta meħtieġ u għandha timmonitorja u tirrapporta dwar il-flussi tal-gass fil-Komunità u lil hinn minnha, b'kooperazzjoni mal-pajjiżi fornituri u ta' tranżitu.
8. L-Awtorità Kompetenti għandha tipprovdi liċ-Ċentru tal-Monitoraġġ u l-Informazzjoni tal-Protezzjoni Ċivili tal-Kummissjoni bl-informazzjoni dwar kwalunkwe ħtieġa ta' għajnuna. Iċ-Ċentru tal-Monitoraġġ u l-Informazzjoni tal-Protezzjoni Ċivili għandu jivvaluta s-sitwazzjoni totali u jipprovdi konsulenza dwar l-għajnuna li għandha tingħata lill-Istati Membri l-aktar milquta, u fejn xieraq lill-pajjiżi terzi.

Artikolu 11

Grupp tal-Koordinazzjoni tal-Gass

1. Grupp tal-Koordinazzjoni tal-Gass huwa stabbilit biex jiffaċilita l-koordinazzjoni tal-miżuri li jikkonċernaw is-sigurtà tal-provvista. Il-Grupp għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Awtoritajiet Kompetenti, l-ACER, l-ENTSO-G u entitajiet rappreżentattivi tal-industrija konċernata u l-klijenti rilevanti. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-għamla tal-Grupp ħalli tiżgura r-rappreżentanza tiegħu u għandha tippresedi l-istess Grupp. Il-Grupp għandu jistabbilixxi r-regoli tal-proċedura tiegħu.
2. Il-Grupp tal-Koordinazzjoni tal-Gass għandu jassisti lill-Kummissjoni partikolarment dwar kwistjonijiet marbuta ma':
 - (a) is-sigurtà tal-provvista tal-gass, fi kwalunkwe ħin u b'mod speċjali fi żminijiet ta' Emerġenza;
 - (b) l-informazzjoni rilevanti kollha għas-sigurtà tal-provvista tal-gass fil-livelli nazzjonali, reġjonali u Komunitarji;
 - (c) l-aqwa prattiki u linji gwida possibbli lill-partijiet konċernati kollha;
 - (d) il-livell tas-sigurtà tal-provvista, il-livelli ta' referenza u l-metodoloġiji tal-valutazzjoni;
 - (e) ix-xenarji nazzjonali, reġjonali u Komunitarji u l-ittestjar tal-livelli ta' tħejjija;
 - (f) il-koordinazzjoni tal-miżuri biex tiġi indirizzata l-Emerġenza fil-Komunità, fil-Pajjiżi tat-Trattat tal-Komunità tal-Enerġija u ma' pajjiżi terzi;
 - (g) l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet;
 - (h) l-assistenza meħtieġa mill-Istati Membri l-aktar milquta.
3. Il-Kummissjoni għandha tlaqqa' l-Grupp tal-Koordinazzjoni tal-Gass fuq bażi regolari.

Artikolu 12

Skambju tal-informazzjoni

1. L-Awtorità Kompetenti matul l-Emerġenza għandu jkollha partikolarment l-informazzjoni li ġejja disponibbli kuljum:
 - (a) il-previżjonijiet tad-domanda u tal-provvista tal-gass ta' kuljum għat-tlett ijiem ta' wara;
 - (b) il-fluss tal-gass fis-sieġha fil-punti transkonfinali tad-dħul u l-ħruġ kif ukoll fil-punti kollha li jgħaqqdu faċilità tal-produzzjoni man-netwerk, il-ħażna u l-LNG f'mcm/d;
 - (c) il-perjodu, espress f'jiem, li matulu huwa possibbli li jiġi żgurat il-forniment lill-klijenti protetti

2. Il-Kummissjoni għandha d-dritt, f'każ ta' Emerġenza Komunitarja, li titlob lill-Awtorità Kompetenti tipprovdiha mingħajr dewmien tal-anqas:
 - (a) l-informazzjoni kif stipulat fil-paragrafu 1;
 - (b) l-informazzjoni dwar il-miżuri pplanati li għandhom jittieħdu u li diġà ġew implimentati mill-Awtorità Kompetenti sabiex tittaffa l-Emerġenza, u l-effikaċja tagħhom;
 - (c) it-talbiet li saru biex Awtoritajiet Kompetenti oħra jieħdu miżuri addizzjonali;
 - (d) il-miżuri implimentati fuq talba ta' Awtoritajiet Kompetenti oħra.
3. L-Awtoritajiet Kompetenti u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjalment sensittiva.
4. L-Awtorità Kompetenti għandha tipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Pjan tal-Emerġenza u l-miżuri meħuda.
5. Wara Emerġenza, l-Awtorità Kompetenti għandha mingħajr dewmien tipprovdi lill-Kummissjoni b'valutazzjoni dettaljata tal-Emerġenza u l-effikaċja tal-miżuri implimentati, fosthom il-valutazzjoni tal-impatt ekonomiku tal-Emerġenza, l-impatt tal-bdil tal-fjuwil fuq il-livelli tal-emissjonijiet, l-impatt fuq is-settur tal-elettriku u l-għajnuna pprovduta lil u/jew riċevuta mingħand il-Komunità u l-Istati Membri tagħha.
6. Sa mhux aktar tard [mit-30 ta' Settembru 2010; sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ] sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta s-sitwazzjoni tas-sigurtà tal-provvista fil-livell Komunitarju:
 - a) L-Istati Membri għandhom jissottomettu għand il-Kummissjoni l-ftehimiet intergovernattivi eżistenti milħuqa ma' pajjiżi terzi li għandhom impatt fuq l-iżvilupp tal-infrastrutturi u l-provvisti tal-gass; qabel jikkonkludu ftehimiet intergovernattivi ġodda, l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni ħalli jivvalutaw il-konformità tagħhom mal-leġiżlazzjoni tas-suk intern;
 - b) L-impreżi tal-gass naturali għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar id-dettalji li ġejjin tal-kuntratti konklużi ma' fornituri minn pajjiżi terzi:
 - It-tul taż-żmien tal-kuntratt u d-dispożizzjonijiet għal estensjoni;
 - It-total tal-volumi kkuntrattati, fuq bażi annwali u l-volum medju fix-xahar;
 - Il-flessibbiltà tal-volumi kkuntrattati, fosthom id-dispożizzjonijiet relatati ma' obbligi ta' xiri obbligatorju.
 - Il-punti tad-distribuzzjoni kkuntrattati.

Artikolu 13

Monitoraġġ u rappurtar dwar is-sigurtà tal-provvista tal-gass

1. Barra mill-obbligi tal-monitoraġġ u r-rappurtar pprovduti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar il-Gass, l-Awtorità Kompetenti għandha tippubblika u tressaq għand il-Kummissjoni rapport sal-31 ta' Lulju ta' kull sena li jkun fih id-dejta li ġejja:
 - (a) kalkolu tal-indikatur N-1 u d-dejta meħtieġa għal dan il-kalkolu, **il-progress li sar fl-investimenti meħtieġa biex tlaħħaq ma' N-1, id-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom skont il-pajjiż waqt l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ġodda alternattivi;**
 - (b) l-ammonti annwali, it-tul taż-żmien u l-pajjiż fornitur koperti mill-kuntratti tal-importazzjoni tal-provvista tal-gass;
 - (c) il-kapaċità massima tal-interkonnnessjoni ta' kull punt ta' dħul u ħruġ fis-sistemi tal-gass u 'l barra minnhom;
 - (d) l-elementi ewlenin tal-ftehimiet intergovernattivi rilevanti konklużi ma' pajjiżi terzi.
2. L-Awtoritajiet Kompetenti u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-infomazzjoni kummerċjalment sensittiva.

Artikolu 14

Monitoraġġ

Sa [...] il-Kummissjoni, wara li tkun ivvalutat il-Pjanijiet nnotifikati u wara li tikkonsulta mal-Grupp tal-Koordinazzjoni tal-Gass, għandha tikkonkludi dwar mezzi possibbli biex titjeb is-sigurtà tal-provvista fil-livell Komunitarju u għandha tirrapporta għand il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jinkludi, fejn xieraq, rakkomandazzjonijiet għat-titjeb ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 15

Revoka

Id-Direttiva 2004/67/KE hija imħassra.

Artikolu 16

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNEX I: KALKOLU TAL-INDIKATUR N-1

1. Kalkolu tal-indikatur N-1

L-indikatur N-1 jiddeskrivi l-ħila tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-gass biex tforni l-gass għad-domanda massima f'żona kkalkulata f'każ ta' xkiel fl-akbar infrastruttura.

"Iż-żona kkalkulata" tfisser żona ġeografika li għaliha tiġi kkalkulata l-applikazzjoni tal-indikatur N-1.

Il-kapaċità teknika¹⁴ tal-infrastruttura tal-provvista tal-gass kollha li tiqba' disponibbli fil-każ ta' xkiel fl-akbar infrastruttura għandha tal-anqas tkun daqs id-domanda għall-gass taż-żona kkalkulata matul perjodu ta' sittin jum ta' domanda eċċezzjonalment għolja matul l-iksar perjodu li statistikament iseħħ kull għoxrin sena. L-indikatur N-1, ikkalkulat skont il-formula ta' hawn taħt, għandu jkun tal-anqas ekwivalenti għal 100 %.

$$IPm + Pm + Sm + LNGm - Im - Tout$$

$$N-1[\%] = \frac{\text{IPm} + Pm + Sm + LNGm - Im - Tout}{Dmax} * 100, N-1 \geq 100\%$$

$$Dmax$$

Definizzjonijiet meħtieġa għall-kalkolu tal-indikatur N-1:

Definizzjonijiet min-naħa tal-provvista

IPm - Kapaċità teknika massima tas-sistemi tal-pajpijiet tal-importazzjoni (mcm/d) tfisser is-somma tal-kapaċità teknika massima tas-sistemi tal-pajpijiet tal-gass li jfornu l-gass liż-żona kkalkulata.

Pm - Kapaċità produttiva massima (mcm/d) tfisser is-somma tar-rati massimi possibbli tal-produzzjoni taż-żona kkalkulata mill-faċilitajiet kollha tal-produzzjoni tal-gass filwaqt li jitqiesu l-elementi kritiċi bħall-irkupru tad-depożiti (field recovery);

Sm - Kapaċità ta' twassil waqt kriżi (mcm/d) tfisser ir-rata massima ta' forniment mill-ħażniet kollha fiż-żona kkalkulata li tista' tiġi sostnuta matul is-sittin jum kollha tal-perjodu tax-xkiel. Din ir-rata tista' tiġi stabbilita b'taħlita ta' rati ta' forniment ta' diversi tipi ta' mħażen taż-żona kkalkulata użati matul il-perjodu ta' sittin jum.

LNGm - Kapaċità massima tal-faċilità tal-LNG (mcm/d) tfisser is-somma tal-kapaċitajiet massimi possibbli tat-terminali kollha tal-LNG għal-likwifikazzjoni tal-gass naturali jew l-importazzjoni, il-ħatt, is-servizzi anċillari, il-ħżin temporanju u l-gassifikazzjoni mill-ġdid tal-LNG, filwaqt li jitqiesu l-elementi kritiċi bħad-disponibbiltà tal-kapaċitajiet massimi tal-bastimenti u l-ħżin u l-kapaċità teknika tal-bgħit lejn is-sistema, li jipprovd u l-gass matul perjodu ta' 60 jum, liż-żona kkalkulata.

Im - Kapaċità tal-akbar infrastruttura tal-gass (mcm/d), li tforni ż-żona kkalkulata bl-akbar sehem ta' gass.

¹⁴ L-Abbozz ta' Regolament (KE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kundizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 l-Artikolu 2(18) "kapaċità teknika" tfisser il-kapaċità kostanti massima li l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jista' joffri lill-utenti tan-network, b'kont meħud tal-integrità tas-sistema u tar-rekwiżiti operattivi tan-network ta' trażmissjoni.

Fejn iż-żona kkalkulata tippovdi kapaċità ta' trażmissjoni minn aktar minn pajp jew punt tad-dħul wieħed u ma tkunx l-akbar infrastruttura ($I_{pm} \neq I_m$), il-kapaċità ta' trażmissjoni li tibqa' taż-żona kkalkulata jeħtiġilha wkoll titnaqqas min-numeratur.

Tout - Kapaċità ta' trażmissjoni 'l barra (mcm/d) hija s-somma tal-kapaċità teknika li tibqa' għat-trażmissjoni tal-gass minn ġoż-żona kkalkulata f'każ ta' xkiel tal-akbar infrastruttura.

Kalkolu tad-domanda

Dmax - tfisser kapaċità għall-forniment tad-domanda rilevanti ta' gass kuljum taż-żona kkalkulata li hija relatata mal-iksaħ jum b'domanda eċċezzjonalment għolja għall-gass li statistikament isseħħ kull għoxrin sena.

ANNEX II: LISTA TAL-MIŻURI ABBAŻI TAS-SUQ GĦAS-SIGURTÀ TAL-PROVVISTA TAL-GASS

Fl-iżvilupp tal-Pjanijiet Preventivi u tal-Emerġenza l-Awtorità Kompetenti għandha tqis il-lista tal-miżuri indikattivi u mhux eżawrjenti li ġejja:

Min-naħa tal-provvista

- Aktar flessibbiltà fil-produzzjoni
- Aktar flessibbiltà fl-importazzjoni
- Ħżin kummerċjali tal-gass - kapaċità tal-forniment u l-volum tal-gass maħżun
- Kapaċità terminali u l-kapaċità massima tal-bgħit tal-LNG
- Diversifikazzjoni tal-provvisti u r-rotot
- Flussii fid-direzzjoni opposta
- Bgħit ikkoordinat mill-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni
- Kuntratti għal medda twila ta' żmien u għal medda medja ta' żmien
- Investimenti fl-infrastruttura
- Arranġamenti kuntrattwali biex jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-gass

Min-naħa tad-domanda

- Kuntratti li jistgħu jiġu interrotti
- Il-possibbiltà tal-bdil tal-fjuwil - fjuwils alternattivi ta' riżerva fl-impjanti industrijali u tal-ġenerazzjoni tal-enerġija
- Effiċenzja akbar
- Użu akbar ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli

ANNESS III: LISTA TAL-MIŻURI MHUX ABBAŻI TAS-SUQ GĦAS-SIGURTÀ TAL-PROVVISTA TAL-GASS

Fl-iżvilupp tal-Pjanijiet Preventivi u tal-Emerġenza l-Awtorità Kompetenti għandha tqis il-kontribut tal-miżuri li ġejjin f'każ ta' Emerġenza biss:

Min-naħa tal-provvista

- Ħżin strateġiku tal-gass
- Bdil sfurzat tal-fjuwil
 - Użu ta' ħażniet ta' fjuwils alternattivi (eż. skont l-obbligu tal-ħażniet taż-żejt għal 90 jum)
 - Użu tal-elettriku ġġenerat minn sorsi oħra li mhumiex gass

Min-naħa tad-domanda

- Diversi tipi ta' tnaqqis mandatorju tad-domanda

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

Dan id-dokument huwa maħsub sabiex jakkumpanja u jikkomplementa l-Memorandum ta' Spjegazzjoni Għaldaqstant, meta timtela din id-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva, u mingħajr ħsara għal-leġibbiltà tagħha, għandu jsir sforz sabiex tiġi evitata repetizzjoni tal-informazzjoni inkluża fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni Qabel ma timla din il-formola, jekk jogħġbok irreferi għal-Linji Gwida speċifiċi li ġew imfassla biex ikunu ta' gwida u jiċċaraw il-punti li jinsabu hawn taħt.

1. ISEM IL-PROPOSTA:

"Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri li jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass" (Attività relatata mal-missjonijiet tal-esperti tal-monitoraġġ)

2. QAFAS ABM / ABB

Qasam/Oqsma ta' Politika konċernat(i) u Attività/Attivitajiet assoċjata/i:

06: Enerġija u trasport

06 04: Enerġiji konvenzjonali u rinnovabbli

3. LINJI TAL-BAĠIT

3.1. Linji tal-baġit (linji operazzjonali u linji relatati tekniċi u ta' assistenza amministrattiva (ex-linji B..A)) inklużi l-intestaturi:

06 01 01: Nefqa relatata mal-persunal f'impjieġ attiv tal-'Qasam tal-politika tal-enerġija u t-trasport'

06 04 03: Sigurtà tal-provvisti tal-enerġija konvenzjonali

06 01 02: Nefqa esterna u maniġerjali oħra b'sostenn għall-'Qasam ta' politika tal-enerġija u t-trasport'

3.2. Tul taż-żmien tal-azzjoni u l-impatt finanzjarju:

Bidu: 2010 Tmiem mhux determinat

3.3. Karatteristiċi baġitarji (żied ir-ringieli jekk meħtieġ):

Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Għida	Kontribut EFTA	Kontributi mingħand pajjiżi applikanti	Intestatura fil-perspettiva finanzjarja
-----------------	---------------	-------	----------------	--	---

06.01.01	Mhux obligat orju	Mhux diff ¹⁵	LE	LE	LE	Nru°5
06.04.03	Mhux obligat orju	Diff	LE	LE	LE	Nru°1a
06.01.02	Mhux obligat orju	Mhux diff	LE	LE	LE	Nru°5

¹⁵

Approprijazzjonijiet mhux differenzjati minn hawn 'il quddiem imsejħa AMD

4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

4.1. Riżorsi Finanzjarji

4.1.1. Sommarju tal-appropriazzjonijiet tal-impenn (AI) u l-appropriazzjonijiet tal-ħlas (AH)

miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Tip ta' nefqa	Nru tat-taqsim		Sena n	n+1	n+2	n+3	n+4	n+5 u wara	Total
---------------	----------------	--	--------	-----	-----	-----	-----	------------	-------

Nefqa operazzjonali¹⁶

Appropriazzjonijiet tal-Impenn (AI)	8.1	a	0.5	0.5	0.5	0.5	0.5	0.5	3
Appropriazzjonijiet tal-Ħlas(AH)		b	0.5	0.5	0.5	0.5	0.5	0.5	3

Nefqa amministrattiva fl-ammont ta' referenza¹⁷

Assistenza teknika u amministrattiva (AMD)	8.2.4	c							
--	-------	---	--	--	--	--	--	--	--

AMMONT TOTALI TA' REFERENZA

Appropriazzjonijiet tal-Impenn		a+c	0.5	0.5	0.5	0.5	0.5	0.5	3
Appropriazzjonijiet tal-Ħlas		b+c	0.5	0.5	0.5	0.5	0.5	0.5	3

Nefqa amministrattiva mhux inkluża fl-ammont ta' referenza¹⁸

Riżorsi umani u nefqa assoċjata (AMD)	8.2.5	d	0.24 4	0.24 4	0.24 4	0.24 4	0.24 4	0.24 4	1.464
Spejjeż amministrattivi, għajr ir-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (AMD)	8.2.6	e	0.15	0.15	0.15	0.15	0.15	0.15	0.9

¹⁶ Nefqa li ma taqax taħt il-Kapitolu xx 01 tat-Titolu xx konċernat.

¹⁷ Nefqa fl-Artikolu xx 01 04 tat-Titolu xx.

¹⁸ In-nefqa fil-Kapitolu xx 01 għajr għall-Artikoli xx 01 04 jew xx 01 05.

Spiża finanzjarja totali indikattiva tal-intervent

TOTAL tal-AI inkluża l-ispiża tar-Riżorsi Umani		a+c +d+ e	0.89	0.89	0.89	0.89	0.89	0.89	5.364
TOTAL tal-AH, inklużi l-ispiża tar-Riżorsi Umani		b+c +d+ e	0.89	0.89	0.89	0.89	0.89	0.89	5.364

Dettalji tal-kofinanzjament

Jekk il-proposta tinvolvi kofinanzjament mill-Istati Membri jew minn entitajiet oħra (jekk jogħġbok speċifika liema), għandha tiġi indikata stima tal-livell ta' dan il-kofinanzjament fit-tabella ta' hawn taħt (jistgħu jiżdiedu aktar linji jekk ikunu previsti entitajiet differenti għall-għoti tal-kofinanzjament):

miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Entità tal-kofinanzjament		Sena n	n+1	n+2	n+3	n+4	n+5 u wara	Total
.....	f							
TOTAL tal-AI, inkluż il-kofinanzjament	a+c +d+ e+f							

4.1.2. Kompatibbiltà mal-Ipprogrammar Finanzjarju

- ☒ Il-proposta hija kompatibbli mal-ipprogrammar finanzjarju eżistenti.
- ☐ Il-proposta se tkun teħtieġ programmar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.
- ☐ Jista' jkun li l-proposta tkun teħtieġ l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali¹⁹ (jiġifieri l-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja).

4.1.3. Impatt finanzjarju fuq id-Dħul

- ☒ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja fuq id-dħul
- ☐ Il-proposta għandha impatt finanzjarju l-effett fuq id-dħul huwa kif ġej:

¹⁹ Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

NB: Id-dettalji u l-osservazzjonijiet kollha marbuta mal-metodu tal-kalkolu tal-effett fuq id-dħul għandhom jidhru f'anness separat.

miljuni ta' EUR (sa ċifra waħda wara l-punt deċimali)

Linja baġitarja	Dħul	Qabel l-azzjoni [Sena n-1]	Sitwazzjoni wara l-azzjoni					
			[Sena n]	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5] 20
	a) Dħul f'termini assoluti							
	b) Tibdil fid-dħul	Δ						

(Jekk jogħġbok speċifika kull linja baġitarja ta' dħul konċernata, u żid l-għadd ta' ringieli xierqa mat-tabella jekk hemm effett fuq aktar minn linja baġitarja waħda.)

- 4.2. Riżorsi Umani FTE (inklużi l-uffiċjali, u l-impjegati temporanji u esterni) – ara d-dettalji fil-punt 8.2.1.

Rekwiżiti annwali	Sena n	n+1	n+2	n+3	n+4	n+5 u wara
Għadd totali ta' riżorsi umani	2	2	2	2	2	2

5. KARATTERISTIĊI U GĦANIJET

Dettalji tal-kuntest tal-proposta huma meħtieġa fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni. Din it-taqsimha tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva għandha tinkludi l-informazzjoni komplementari speċifika li ġejja:

- 5.1. Ħtieġa li għandha tintlaħaq fuq medda qasira jew twila ta' żmien

Kif propost fir-"Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri li jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass", il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi task force permanenti tal-monitoraġġ magħmula minn esperti tal-industrija u rappreżentanti tal-Kummissjoni. It-task force tal-monitoraġġ għandha tintuża f'każ ta' xkiel jew xkiel potenzjali tal-provvisti tal-gass u għandha timmonitorja u tirrapporta dwar il-flussi tal-gass fl-Unjoni Ewropea jew lil hinn minnha, f'kooperazzjoni mal-pajjiżi fornituri u ta' tranżitu.

²⁰ Għandhom jiżdiedu kolonni addizzjonali jekk ikun meħtieġ, jiġifieri jekk it-tul taż-żmien tal-azzjoni jaqbeż is-6 snin.

- 5.2. Valur miżjud tal-involvement tal-Komunità u l-koerenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħra u s-sinerġija possibbli

Kif muri mill-kriżi riċenti tal-gass f'Jannar 2009, il-kwistjoni tas-sigurtà tal-provvista tal-gass ma tistax tiġi indirizzata biss b'inizjattivi fil-livell tal-Istati Membri. Huwa meħtieġ l-involvement Komunitarju biex tiġi żgurata azzjoni kkoordinata fl-Unjoni ħalli jiġi mminimizzat l-impatt tal-kriżi kif ukoll l-implimentazzjoni ta' inizjattivi koerenti fir-rigward tal-pajjiżi fornituri u ta' tranżitu.

- 5.3. Għanijiet, riżultati mistennija u indikaturi relatati mal-proposta fil-kuntest tal-qafas tal-ABM

Kif ġie enfasizzat matul il-kriżi tal-gass ta' Jannar 2009, il-Komunità għandha tingħatalha l-għodda biex timobilizza, fi żmien qasir ħafna tim ta' monitoraġġ li jinkludi esperti mill-industrija biex jassistu lill-uffiċjali tal-Kummissjoni waqt kriżi tal-gass.

- 5.4. Metodu ta' Implimentazzjoni (indikattiv)

Hawn isfel uri l-metodu/²¹ magħżul(a) għall-implimentazzjoni tal-azzjoni.

X Għestjoni Ċentralizzata

x Direttament mill-Kummissjoni

↑ Indirettament b'delega lil:

↑ Aġenziji Eżekuttivi

↑ Entitajiet stabbiliti mill-Komunitajiet kif imsemmi fl-art. 185 tar-Regolament Finanzjarju

↑ Entitajiet nazzjonali mis-settur pubbliku/entitajiet b'missjoni ta' servizz pubbliku

Għestjoni maqsuma jew iddeċentralizzata

↑ Mal-Istati Membri

↑ Ma' pajjiżi terzi

Għestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (jekk jogħġbok speċifika)

Kummenti rilevanti:

²¹ Jekk huwa indikat aktar minn metodu wieħed, jekk jogħġbok ipprova d-dettalji addizzjonali fit-taqsimha tal-“Kummenti rilevanti” ta’ dan il-punt

6. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

6.1. Sistema ta' monitoraġġ

L-attività tat-tim tal-monitoraġġ se tiġi vvalutata u inkluża frapport li jsir kull sena.

6.2. Evalwazzjoni

6.2.1. Evalwazzjoni ex-ante

Mhux applikabbli

6.2.2. Miżuri meħuda wara evalwazzjoni intermedjarja/ta' wara (tagħlimiet minn esperjenzi simili fl-imgħoddi)

Mhux applikabbli

6.2.3. Termini u frekwenza tal-evalwazzjoni futura

Mhux applikabbli

7. MIŻURI KONTRA L-FFRODI

L-attività tal-monitoraġġ se tiġi evalwata darba fis-sena u għandu jitlesta rapport. L-attività tat-tim tal-monitoraġġ se tkun soġġetta għall-miżuri tal-kontrolli ta' kontra l-frodi implimentati mill-Kummissjoni.

8. DETTALJI TAR-RIŻORSI

8.1. Għanijiet tal-proposta f'termini tal-ispiża finanzjarja tagħhom

L-appropriazzjonijiet tal-impenn f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

(Għandhom jiġu pprovduti l-intestaturi tal-Għanijiet, l-azzjonijiet u tar-riżultati)	Tip ta' riżultat	Spiża medja	Sena n		Sena n+1		Sena n+2		Sena n+3		Sena n+4		Sena n+5 u wara		TOTAL	
			Għadd ta' riżultati	Spiża totali	Għadd ta' riżultati	Spiża totali	Għadd ta' riżultati	Spiża totali	Għadd ta' riżultati	Spiża totali	Għadd ta' riżultati	Spiża totali	Għadd ta' riżultati	Spiża totali	Għadd ta' riżultati	Spiża totali
GĦAN OPERAZZJONALI Nru 1 ²²	Ħlasijiet għall-missjoni tal-esperti (stmati 10 missjonijiet ta' 50 jum il-waħda)		10	0.5	10	0.5	10	0.5	10	0.5	10	0.5	10	0.5	50	2.5
Azzjoni nru 1 missjoni tat-tim ta' monitoraġġ																
- Riżultat nru 1																
- Riżultat nru 2																
Azzjoni nru 2.....																
- Riżultat nru 1																
Għan nru 1 Sottototal																
GĦAN OPERAZZJONALI Nru 2 ¹																
Azzjoni nru 1.....																

²² Kif deskritt fit-Taqsima 5.3.

- R iżultat nru 1																
Għan nru 2 Sottototal																
GĦAN OPERAZZJONALI Nru n ¹																
Għan n Sottototal																
SPIŻA TOTALI			10	0.5	10	0.5	10	0.5	10	0.5	10	0.5	10	0.5	50	2.5

8.2. Nefqa Amministrattiva

8.2.1. Għadd u tip ta' riżorsi umani

Tipi ta' kariga		Persunal li għandu jiġi assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni bl-użu tar-riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali (għadd ta' karigi/FTEs)					
		Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5
Uffiċjali jew persunal temporanj u ²³ (XX 01 01)	A*/AD	2	2	2	2	2	2
	B*, C*/AS T						
Persunal iffinanzjat ²⁴ bl-Art XX 01 02							
Persunal ieħor ²⁵ iffinanzjat bl-Art XX 01 04/05							
TOTAL		2	2	2	2	2	2

8.2.2. Deskrizzjoni tal-ħidmiet li ġejjin mill-azzjoni

L-implimentazzjoni tal-missjonijiet ta' monitoraġġ fl-Istati Membri u/jew pajjiżi terzi kif meħtieġ meta sseħħ kriżi tal-gass. Ir-riżultati tal-missjoni se jiġu rapportati lura lill-Istati Membri permezz ta' rapporti tal-missjoni u waqt il-laqgħat tal-Grupp tal-Koordinazzjoni tal-Gass.

8.2.3. Sorsi ta' riżorsi umani (statutarji)

(Fejn ikun iddikjarat aktar minn sors wieħed, jekk jogħġbok indika l-għadd ta' karigi li joriġinaw minn kull sors)

- ☒ Karigi li bħalissa huma allokat i għall-ġestjoni tal-programm li għandu jiġi ssostitwit jew estiż
- ☐ Karigi allokat i minn qabel fl-eżerċizzju APS/PDB għas-sena n
 - ☐ Karigi li se jintalbu fil-proċedura APS/PDB li jmiss
 - ☐ Karigi li għandhom jitqassmu mill-ġdid bl-użu tar-riżorsi eżistenti fi ħdan is-servizz ta' ġestjoni (tqassim intern mill-ġdid)
 - ☐ Karigi meħtieġa għas-sena n għalkemm mhux previsti fl-eżerċizzju APS/PDB tas-sena konċernata

²³ L-ispiża ta' dawn MHIJEX koperta bl-ammont ta' referenza

²⁴ L-ispiża ta' dawn MHIJEX koperta bl-ammont ta' referenza

²⁵ L-ispiża ta' dawn hija inkluża fl-ammont ta' referenza

8.2.4. Nefqa oħra Amministrattiva inkluża fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 - Nefqa għall-
ġestjoni amministrattiva)

miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Linja baġitarja (numru u intestatura)	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara	TOTAL
1 Assistenza teknika u amministrattiva (inklużi l-ispejjeż relatati mal-persunal)							
Aġenziji eżekuttivi ²⁶							
Assistenza teknika u amministrattiva oħra							
- <i>intra muros</i>							
- <i>extra muros</i>							
Assistenza teknika u amministrattiva totali							

8.2.5. L-ispiża finanzjarja tar-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati mhux inklużi fl-ammont
ta' referenza

miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Tip ta' riżorsi umani	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara
Uffiċjali u persunal temporanju (XX 01 01)	0.244	0.244	0.244	0.244	0.244	0.244
Persunal iffinanzjat bl-Art. XX 01 02 (awżiljarji, END, persunal kuntrattwali, eċċ.) (speċifika l-linja baġitarja)						
Spiża totali tar-Riżorsi Umani u l- ispejjeż assoċjati (MHUX fl- ammont ta' referenza)	0.244	0.244	0.244	0.244	0.244	0.244

Kalkolu – Uffiċjali u Aġenti temporanji

Għandha ssir referenza għall-Punt 8.2.1, jekk ikun meħtieġ

²⁶ Għandha ssir referenza għad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva speċifika għall-Aġenzija/i Eżekuttiva/i kkonċernata/i.

2 AD FTE (ekwivalenti għal full time) 122 000 €/uffiċjal/sena* 2= 244 000 €

Kalkolu- **Persunal iffinanzjat skont l-Art. XX 01 02**

Għandha ssir referenza għall-Punt 8.2.1, jekk ikun meħtieġ

8.2.6. Nefqa oħra amministrattiva mhux inkluża fl-ammont ta' referenza

miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara	TOTAL
XX 01 02 11 01 – Missjonijiet							
XX 01 02 11 02 – Laqgħat u Konferenzi	0.15	0.15	0.15	0.15	0.15	0.15	0.9
XX 01 02 11 03 – Kumitati ²⁷							
XX 01 02 11 04 – Studji u konsultazzjonijiet							
XX 01 02 11 05 – Sistemi tal-informazzjoni							
2 Nefqa Oħra ta' Ġestjoni Total (XX 01 02 11)							
3 Nefqa oħra ta' natura amministrattiva (speċifika billi tinkludi r-referenza għal-linja baġitarja)							
Nefqa Amministrattiva totali, għajr ir- riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati, (MHUX inklużi fl-ammont ta' referenza)	0.15	0.15	0.15	0.15	0.15	0.15	0.9

Kalkolu - **Nefqa oħra amministrattiva mhux inkluża fl-ammont ta' referenza**

Laqgħat perjodiċi tal-Grupp tal-Koordinazzjoni tal-Gass fejn jiġu diskussi l-kwistjonijiet relatati mas-sigurtà tal-provvista tal-gass (30 esperti x 1000€ x 5 laqgħat).

²⁷ Speċifika t-tip ta' kumitat u mil-liema grupp jagħmel parti.